# Tema: Ittrattati ndaqs? – Id-drittijiet tal-bniedem

Biex nesploraw it-tema tad-drittijiet tal-bniedem, ħloqna tliet taqsimiet tax-xogħol distinti. Kull taqsima tinvestiga aspett partikolari tat-tema, u dan joffri perspettivi u sfidi differenti.

**Taqsima 1** Id-drittijiet tiegħi
**Taqsima 2** Id-drittijiet tiegħek
**Taqsima 3** Id-drittijiet fl-azzjoni

Kull taqsima tikkonsisti f'dan li ġej:

- Noti ta' gwida għall-għalliema
- Attivitajiet
- Riżorsi ta' appoġġ viżivi u testwali
- Riżorsi online suġġeriti

**L-attivitajiet jistgħu jinkludu diskussjonijiet immexxija mill-għalliem, ħidma fi gruppi, tagħlim li l-persuna tagħżlu waħedha u l-użu ta' sorsi storiċi primarji u sekondarji. L-għalliema jistgħu jiddeċiedu huma liema attivitajiet għall-klassi u fi gruppi jsiru.**

**Deskrizzjoni ġenerali tat-tema**

‘Fejn jibdew, fuq kollox, id-drittijiet universali tal-bniedem? F’imkejjen żgħar, fil-qrib – tant qrib u tant żgħar li ma jidhru fuq l-ebda mappa tad-dinja. Madankollu huma d-dinja tal-persuna individwali; l-inħawi fejn jgħix; l-iskola jew il-kulleġġ li jattendi; il-fabbrika, l-għalqa jew l-uffiċċju fejn jaħdem. Dawn huma l-postijiet fejn kull raġel, mara, tifel u tifla jfittxu ġustizzja ndaqs, opportunità indaqs u dinjità indaqs, mingħajr diskriminazzjoni. Sakemm dawn id-drittijiet ma jkollhomx tifsira hemmhekk, ftit għandhom tifsira band'oħra. Mingħajr azzjoni b’interess min-naħa taċ-ċittadini biex jirrispettawhom fid-dinja immedjata tagħhom, għalxejn se nippruvaw nagħmlu progress fid-dinja usa’.

*Eleanor Roosevelt, ‘In Our Hands’ (‘F’idejna’) (diskors li għamlet fl-1958, fl-10 anniversarju tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem)*

X’inhuma d-drittijiet? Id-drittijiet huma libertajiet mogħtija lill-persuna abbażi ta’ sistema legali, patt soċjali jew teorija etika. Id-drittijiet sikwit jitqiesu b'rabta ma' gruppi soċjali speċifiċi (gruppi ta' minoranza) jew mal-individwi kollha. Din it-tieni kategorija ta’ drittijiet universali tissejjaħ drittijiet tal-bniedem. Id-drittijiet tal-bniedem huma libertajiet bażiċi tal-bniedem, imsejsa fuq il-prinċipju tar-rispett lejn l-individwu u l-ipoteżi li kull bniedem jixraqlu li jiġi trattat indaqs u b'dinjità. Minkejja li d-drittijiet tal-bniedem mhumiex rispettati jew applikati f’ħafna partijiet tad-dinja, in-nies kollha kullimkien huma intitolati għal dawn id-drittijiet. Il-ħila li nifhmu sew id-drittijiet tal-bniedem hi parti importanti mill-istatus kollettiv tagħna bħala membri tal-komunità globali tal-bniedem. L-enfasi fuq l-istorja tad-drittijiet tal-bniedem hija daqstant ieħor importanti, biex ikollna stampa ġenerali tal-impatt li d-drittijiet (jew in-nuqqas tagħhom) kellhom fuq is-soċjetajiet. Tul l-istorja, in-nies ġew imċaħħda mid-drittijiet tagħhom u sikwit kellhom jużaw mezzi paċifiċi jew vjolenti biex jeħduhom. F’ħafna partijiet tad-dinja, din il-ġlieda għadha għaddejja.

Biex nifhmu kif id-drittijiet tal-bniedem jolqtuna fil-ħajja tagħna ta' kuljum u biex nirrikonoxxu r-responsabilitajiet tagħna li nirrikonoxxu l-ħtieġa li nibbilanċjaw dawk id-drittijiet mad-drittijiet tal-oħrajn, jeħtieġ li nifhmu x'inhuma d-drittijiet tal-bniedem. Għaldaqstant, id-drittijiet tal-bniedem x'inhuma? Mnejn ġejjin? X'impatt għandhom fuq l-umanità? Lili kif jolqtuni?

**Definizzjonijiet**

*Dritt tal-bniedem*

Id-drittijiet tal-bniedem huma drittijiet u libertajiet bażiċi li n-nies kollha huma intitolati għalihom, indipendentement min-nazzjonalità, is-sess, l-oriġini nazzjonali jew etnika, ir-razza, ir-reliġjon, is-sesswalità, il-lingwa jew kwalunkwe status ieħor.

Id-drittijiet tal-bniedem jinkludu drittijiet ċivili u politiċi, bħad-dritt għall-ħajja, il-libertà u l-libertà tal-espressjoni; u d-drittijiet soċjali, kulturali u ekonomiċi, inkluż id-dritt għal parteċipazzjoni fil-ħajja kulturali, id-dritt għall-ikel u d-dritt għax-xogħol u għall-edukazzjoni. Id-drittijiet tal-bniedem huma mħarsa u rrispettati permezz tal-liġijiet u t-trattati internazzjonali u nazzjonali. Id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem hi l-pedament tas-sistema internazzjonali tal-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem. Din ġiet adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fl-10 ta' Diċembru 1948. Din il-ġurnata tiġi ċċelebrata kull sena bħala l-Jum Internazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem. It-tletin artikolu tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem jistabbilixxu d-drittijiet politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali ta' kulħadd. Hija viżjoni għad-dinjità umana li tittraxxendi l-konfini politiċi u l-awtorità, u timpenja lill-gvernijiet biex jirrispettaw id-drittijiet fundamentali ta' kull persuna.

(Definizzjoni ta' Amnesty International, 2015)

*Etika*

Prinċipji morali li jirregolaw l-imġiba ta' persuna jew it-twettiq ta' attività.

Il-fergħa tal-għarfien li tittratta l-prinċipji morali.

(Definizzjoni tal-Oxford Dictionary)

*Drittijiet tal-minoranzi*

L-isforzi minn gruppi mhux dominanti biex jippreżervaw id-differenzi kulturali, reliġjużi jew etniċi tagħhom tfaċċaw mal-ħolqien tal-istati nazzjonijiet fis-sekli 18 u 19. Ir-rikonoxximent u l-ħarsien tad-drittijiet tal-minoranzi taħt id-dritt internazzjonali beda mal-Lega tan-Nazzjonijiet permezz tal-adozzjoni ta' diversi 'trattati tal-minoranzi'. Fl-1945, meta nħolqot l-organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti biex tieħu post il-Lega tan-Nazzjonijiet, din ukoll gradwalment żviluppat għadd ta' standards, proċeduri u mekkaniżmi li jirrigwardaw il-minoranzi.

(Definizzjoni tal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem, 2010)

*Privileġġ*

Benefiċċju jew vantaġġ partikulari u speċifiku li jitgawda minn persuna, kumpanija, jew klassi, lil hinn mill-vantaġġi komuni ta' ċittadini oħra. Setgħa jew eżenzjoni eċċezzjonali jew straordinarja. Dritt, setgħa, awtorizzazzjoni jew immunità li jkollhom persuna jew klassi, kontra jew lil hinn mill-perkors tal-liġi. Privileġġ hu eżenzjoni minn xi piż jew attendenza, li jgawdu minnha ċertu persuni, minn suppożizzjoni tal-liġi li l-pożizzjonijiet li jokkupaw, jew il-karigi li huma involuti fihom, ikunu tat-tip li jirrikjedu ż-żmien u l-attenzjoni kollha tagħhom, u li għaldaqstant, mingħajr din l-indulġenza, ikun imprattikabbli li dawn il-karigi jiġu eżerċitati bil-mod kif meħtieġ għall-ġid pubbliku.

(Definizzjoni tal-Law Dictionary)